

**Appell ippreżentat fid-29 ta' Mejju 2020 minn Eurofer, Association Européenne de l'Acier, AISBL  
mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tmien Awla) fit-12 ta' Marzu 2020 fil-Kawża T-835/17,  
Eurofer vs Il-Kummissjoni**

(Kawża C-226/20 P)

(2020/C 313/10)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### Partijiet

Appellanti: Eurofer, Association Européenne de l'Acier, AISBL (rappresentanti: J. Killick, advocaat, G. Forwood, avocate)

Partijiet oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea, HBIS Group Serbia Iron & Steel LLC Belgrade

### Talbiet

L-appellanti jitolbu li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġogħha:

- tannulla s-sentenza appellata;
- tannulla l-Artikolu 2 tar-regolament ikkонтestat (¹);
- alternattivament tibgħat il-kawża lura quddiem il-Qorti Ġeneral;
- tikkundanna lill-Kummissjoni u lill-intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali għall-ispejjeż tal-appell u tal-proċeduri quddiem il-Qorti Ġeneral.

### Aggravji u argumenti prinċipali

Insostenn tal-appell, l-appellanti tinvoka erba' aggravji.

1. Żball ta' liġi billi interpretat l-Artikolu 3(4) tar-Regolament bażiku (?) bħala li jfisser li l-Kummissjoni għandha d-diskrezzjoni tqis li importazzjonijiet li jirrappreżentaw parti mis-suq li teċċedi 1 % huma "negliġibbli".
2. Żbalji inkonnessjoni mal-evalwazzjoni li "l-volum tal-importazzjonijiet" mis-Serbia kienu "negliġibbli" għall-għanijiet tal-Artikolu 3(4) tar-Regolament bażiku. B'mod spċificu, il-Qorti Ġenerali wettqet:
  - 2.1. żball ta' liġi billi inkludiet elementi ta' prezz fl-evalwazzjoni tan-negligibbiltà, li hija biss evalwazzjoni kwantitattiva marbuta mal-volumi;
  - 2.2. alternattivament, żball ta' liġi billi naqset milli tqis fatturi oħra (partikolarment data dwar twaqqiqi tal-prezz u dwar bejgħ bil-prezz imwaqqqa') li setgħet tindika (b'mod iktar preċiż) l-effetti potenzjali li jista' jkollhom il-volumi importati; u
  - 2.3. addizzjonalment, żball manifest u distorżjoni tal-provi meta ddeċidiet li l-prezzijiet medji assoċjati mal-volumi li jammontaw għal parti mhux sinifinattiva tas-suq setgħu, waħidhom, jappoġġjaw konstatazzjoni li l-volum huwa "negliġibbli" f'dan il-każ spċificu.
3. Żbalji inkonnessjoni mal-konstatazzoni li "miżuri protettivi ma humiex neċċesarji" għall-ġħanijiet tal-Artikolu 9(2) tar-Regolament bażiku. B'mod spċificu, il-Qorti Ġenerali wettqet:
  - 3.1. żball ta' liġi meta ddeċidiet li l-Kummissjoni setgħet ttittermina l-investigazzjoni mingħajr analiżi tad-danni potenzjali; u

- 3.2. żball ta' liġi u żball manifest ta' evalwazzjoni meta ddeċidiet li l-Kummissjoni ma eċċedietx il-marġni diskrezzjonali tagħha meta applikat l-Artikolu 9(2) tar-Regolament bażiku.
4. Żball ta' liġi meta ddeċidiet li l-Kummissjoni ma kinitx obbligata tirrileva data dwar twaqqigħ tal-prezz u dwar bejgħ bil-prezz imwaqqqa' inkonnessjoni mal-esportatur Serbjan. B'mod speċifiku, il-Qorti Ġenerali wettqet:

- 4.1. żball ta' liġi meta ddeċidiet li r-rispett tad-drittijiet tad-difiża ta' Eurofer ma kienx jirrikjedi l-iżvelar tad-data dwar twaqqigħ tal-prezz u dwar bejgħ bil-prezz imwaqqqa';
- 4.2. żball ta' liġi meta ddeċidiet li l-lanjant f'investigazzjoni anti-dumping ma jistax jinvoka r-rekwiżiti naxxenti mir-rispett tad-drittijiet tad-difiża; u
- 4.3. żball ta' liġi meta ddeċidiet li r-regolament ikkcontestat kien josserva l-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba sanċit fl-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.

(<sup>1</sup>) Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1795 tal-5 ta' Ottubru 2017 li jimponi dazju antidumping definitiv fuq importazzjonijiet ta' ċerti prodotti ċatti b'laminazzjoni termali tal-ħadid, azzar mhux illigat jew liga oħra tal-azzar li jorġinaw mill-Brażil, l-Iran, ir-Russia u l-Ukrajna u li jtemm l-investigazzjoni fir-rigward ta' importazzjonijiet ta' ċerti prodotti ċatti b'laminazzjoni termali tal-ħadid, azzar mhux illigat jew liga oħra tal-azzar li jorġinaw mis-Serbia (ĠU 2017, L 258, p. 24).

(<sup>2</sup>) Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2016, L 176, p. 21).

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Appeals Service Northern Ireland (Ir-Renju Unit)  
fis-7 ta' April 2020 – VI vs Commissioners for Her Majesty's Revenue and Customs**

**(Kawża C-247/20)**

**(2020/C 313/11)**

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Qorti tar-rinviju**

Appeals Service Northern Ireland

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: VI

Konvenut: Commissioners for Her Majesty's Revenue and Customs

**Domandi preliminari**

- 1) Wild, li jkun residenti permanenti fiż-Żona Ekonomika Ewropea, għandu jkollu assigurazzjoni tal-mard komprensiva sabiex iżomm id-dritt ta' residenza tiegħu, bl-istess mod bħalma hija għandha jkollha/huwa għandu jkollu bħala persuna awtosuffiċċenti, skont ir-Regola 4(1) tar-Regolament dwar l-Immigrazzjoni tal-2016?
- 2) Ir-rekwiżit, skont ir-Regola 4(3)(b) tar-Regolament dwar l-Immigrazzjoni tal-2016 (li tipprovd li l-kriterju ta' assigurazzjoni tal-mard komprensiva huwa ssodisfatt biss fir-Renju Unit fir-rigward ta' student jew ta' persuna awtosuffiċċenti, imsemmija fir-Regola 16(2)(b)(ii) tar-Regolament dwar l-Immigrazzjoni tal-2016, jekk din l-assigurazzjoni tkun tkopri kemm lil din il-persuna kif ukoll lill-membri tal-familja tagħha), huwa illegali skont id-dritt tal-Unjoni, fid-dawl tal-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2004/38 (<sup>1</sup>) u tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-23 ta' Frar 2010, Teixeira (C-480/08, EU:C:2010:83, punt 70)?